MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 3(2010), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, id-9 ta' Marzu 2010, fil-5.00 p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |

**Segretarju Eżekuttiv** John Restall

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Estimi ta' Dħul u Nfiq għas-Sena Finanzjarja 2010
6. Manutenzjoni ta' Bankini
7. Il-Ġbir ta' Skart Separat
8. *Bollards* għat-Toroq li jagħtu għal Xatt is-Sajjieda
9. Jum Marsaxlokk
10. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
11. Affarjiet Oħra

**2. <u>Qari tal-Minuti</u>**

**2.1** Nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 2(2010) u dawn ġew approvati.

**3. <u>*Arising* mill-Minuti</u>**

**3.1** Dwar Para. 9.3 (parati tal-iskallijiet), il-Kunsill kien ġie nfurmat li dawn se jagħmilhom is-Sur Adeodato Schembri.

**3.2** Dwar Para 4.2 (talba għat-tneħħija ta' *sleeping policeman* fi Triq l-Arznell), il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu marru fuq il-post sabiex jivverifikaw is-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Viċi-Sindku li l-Kunsill jitlob il-parir tat-Traffic Management fi ħdan Transport Malta dwar l-aħjar soluzzjoni għal din il-problema.

**4. <u>Korrispondenza</u>**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Is-Sur Grezzju Fenech kiteb bi proposta ta' kif jista' jiġi organizzat aħjar il-parkeġġ fil-Wesgħa Dun Gużepp Caruana. Il-proposta tiegħu kienet simili għall-pjanta li kien ħejja l-Viċi-Sindku fl-2001. Il-Kunsill qabel li jressaq din il-pjanta għall-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex il-parkeġġ isir fiċ-ċentru tal-Wesgħa.

**4.3** Is-Sur Brian Debattista, resident f'Triq il-Port Ruman, kien reġa' kiteb sabiex jilmenta dwar kaxxa bajda għall-parkeġġ li tinsab fuq il-bankina viċin id-dar tiegħu. Il-Kunsill talab lis-Segretraju Eżekuttiv sabiex jinforma lis-Sur Debattista li l-Kunsill ma kienx se jbiddel id-deċiżżjoni oriġinali tiegħu.

**5. <u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

**5.1** Nhar is-Sibt, 6 ta' Marzu 2010, is-Sindku, flimkien mal-iskrivan, Jordy Brincat, kien attenda laqgħa organizzata mit-TCTC dwar kors ġdid li se tintroduċi din il-kumpanija. Il-kors, li jissejjaħ "ECouncil" hu mmirat għall-Membri u l-impjegati tal-Kunsilli.

**5.2** Fil-laqgħa tat-Tribunal Konġunt li kien attenda fit-8 ta' Marzu 2010, is-Sindku kien ġie nfurmat li t-Tribunal taż-Żejtun se jiġi xolt fl-aħħar ta' Marzu 2010 u l-qliegħ li jkun fadal se jitqassam bejn il-Kunsilli.

**5.3** Peress li, minkejja bosta talbiet, il-Kunsill kien għadu ma sema xejn mingħand il-Ministeru għar–Riżorsi u Affarjiet Rurali dwar jekk kienx se jitkompla l-proġett tax-Xatt, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel konferenza stampa għall-media u mezzi tax-xandir nhar il-Ħamis, 18 ta' Marzu 2010, fil-11.00 a.m. fil-Pjazza l-Madonna ta' Pompei.

**6. <u>Estimi ta' Dħul u Nfiq għas-Sena Finanzjarja 2010</u>**

**6.1** Wara li l-Kunsill iddiskuta l-estimi għas-Sena Finanzjarja 2010, il-Kunsill talab lis-Segretraju Eżekuttiv sabiex jitlob laqgħa mas-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Dr Chris Said, biex jiddiskuti n-nuqqasijiet fl-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ghas-Sena 2010.

**7. <u>Manutenzjoni tal-Bankini</u>**

**7.1** Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill il-ħtieġa li l-infiq fuq il-manutenzjoni tal-bankini ma jabiżx l-ammont allokat fl-estimi. Dan kien jgħodd ukoll għal kull infiq ieħor fl-estimi sabiex il-Kunsill ma jispiċċax is-sena b'*defecit.*

**8. <u>Il-Ġbir ta' Skart Separat</u>**

**8.1** Il-Kunsill qabel unanimament li jiffirma ftehim mal-Green MT għall-ġbir ta' skart separat peress li din il-kumpanija kienet qed toffri l-aħjar inċentivi lill-Kunsill.

**9. <u>*Bollards* għat-Toroq li jagħtu għal Xatt is-Sajjieda</u>**

**9.1** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Għassa tal-Pulizija ta' Birżebbuġa issa għandha vann li jista' jintuża fil-Ħdud għall-ġarr tal-*bollards* sabiex jingħalqu t-toroq li jagħtu għax-Xatt. Madankollu, il-Kunsill qabel li jżomm lura milli jiddeċiedi dwar din il-proposta sakemm ikun iċċarat x'se jsir bil-proġett tax-Xatt. Il-Kunsill qabel pero' li kien hemm ħtieġa ta' *bollards* ħdejn il-latrina tal-Magħluq sabiex jiġi evitat xi inċident tat-traffiku.

## 10. Jum Marsaxlokk

**10.1** Id-data ta’ Jum Marsaxlokk din is-sena kienet se tkun il-25 ta’ April. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikteb lill-għaqdiet tal-lokalita’ sabiex jagħtu n-nominazzjonijiet tagħhom għal Ġieħ Marsaxlokk u għar-rikonoxximenti. Il-Kunsillier Cassar informa ‘l Kunsill li kien se jorganizza *Coffee Morning* u wirja tal-artiġġanat bħala parti mill-attivitajiet għal Jum Marsaxlokk.

## 11. Approvazzjoni ta’ Ħlasijiet

**11.1** Il-Kunsillier Cassar, issekondat mill-Kunsillier Grech, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| Allied Newspapers | Avviż Laqgħa Annwali | 68.91 |
| Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Laqgħa għas-Sindki 26/27 Frar 10 | 215.00 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Frar 10 (40 hrs @ €5.83/hr) | 233.20 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Jan 10 aġġustament | 10.56 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 02.03.10 | 42.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Petrol għall-*generator* 02.03.10 | 14.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Petrol u żejt 15.02.10 | 16.50 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Frar 10 | 1156.68 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Frar 10 | 214.95 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Frar 10 | 567.77 |
| Commissioner of Police | Pulizija *Extra Duty* 14.02.10 | 38.26 |
| Commissioner of Police | Pulizija *Extra Duty* 07.03.10 | 133.91 |
| Cortis Timber & Wood | Pjanċl għall-palk | 256.00 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Frar 10 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Frar 10 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Frar 10 | 58.23 |
| GO | 21659555, Frar 10 | 25.12 |
| GO | 21652525, Frar 10 | 288.83 |
| GO | 21650937, Frar 10 | 78.57 |
| GO | 21652392, Kera Marzu 10 | 18.63 |
| GO | 21652218, Kera Frar u Marzu 10 | 11.95 |
| G4S | *Cash-in-transit* Frar 10 | 30.44 |
| J.J. Ironmongery | Kiri ta' siġġijiet u mwejjed- attivita' tal-Milied | 42.00 |
| Jason Gauci | Gazzetti Frar 10 | 66.64 |
| Johanna Caruana | *Accountancy Services* Lulju - Diċ 09 | 840.00 |
| Karmenu Mercieca | Ftuħ tas-Sala tal-Iskola u tindif - Karnival | 100.00 |
| Leon Promotions | Attivita' tal-Karnival | 1040.00 |
| Leon Promotions | Attivita' tal-Karnival | 1120.00 |
| London Butcher (Paul Cassar) | Rigali tal-Milied għall-Anzjani | 167.58 |
| MEPA (John Restall) | *Development Permit Fee – Playground* il-Magħluq | 35.88 |
| Margaret Galea | Kotba għall-Librerija | 80.00 |
| mita | *Wide Area Connectivity* Jan - Marzu 10 | 416.85 |
| Nexos | Manutenzjoni tad-dwal tat-toroq Jan/Frar 10 | 478.76 |
| Nexos | Manutenzjoni tad-dwal tat-toroq Jan/Frar 10 | 497.69 |
| Piove Holdings | Tiswijiet tal-*jigger* | 281.53 |
| Pin a Pin (Martin Zerafa) | Souvenirs għall-bandisti tal-Milied u tal-Karnival | 122.50 |

| | | |
|---|---|---|
| Roc-a-go | Skip Triq Melqart 18.02.10 | 54.97 |
| SG Networks (Stefan Grech) | *Upgrade* tal-kompjuter tal-iskrivan | 190.00 |
| SG Networks (Stefan Grech) | Windows 7 għall-kompjuter tas-Segretarju Eżekuttiv | 159.00 |
| Schembri Concrete Blocks | Kurduni, kaptelli, ramel - Bankina Triq l-Arznell | 349.63 |
| Schembri Concrete Blocks | *Kurduni, ramel - Bankina Triq lMelqart* | 443.31 |
| Smart Office Supplies | *Laminating Machine* u *stationery* | 152.07 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 11.96 |
| Union Print | Avviż Laqgħa Annwali | 34.46 |
| Valley Pet Shop | Qsari kbar | 140.00 |
| Waste Oils | Ġbir ta' żejt maħruq | 36.00 |
| WasteServ | *Landfill Tipping Fees* Jan 10 | 1764.25 |
| WasteServ | *Bring-in-site* Diċ 09 | 296.59 |
| | **Total** | **€17411.27** |

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**12.** **<u>Affarjiet Oħra</u>**

**12.1** Il-Kunsill qabel li għall-Festa ta' San Girgor din is-sena Triq l-Arznell issir "*two way*" għat-traffiku. Qabel il-festa kellha ssir laqgħa mal-Pulizija u mal-Gwardjani Lokali sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa. Kellu wkoll jiġi nfurmat is-Sur Domenic Vella ta' Transport Malta sabiex jidhru l-avviżi meħtieġa fuq il-gazzetti.

**13.** Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 13 ta' April 2010.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**